**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2024**

Numru 19

**Appell Nru. 53/2023**

**Timothy John Howard Kitchner-Smith**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Raymond Desira**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Timothy John Howard Kitchner-Smith tat-2 ta’ Ottubru 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-12 ta’ Settembru 2023 li biha iddikjarat l-appell bhala null billi l-appellant ma kienx persuna interessata skont l-artikolu 71(6) tal-Att dwar l-Ippjanar sabiex jista’ jressaq appell quddiem it-Tribunal.

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta ta' Raymond Desira li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li safejn rilevanti ghall-appell tghid hekk:

Ikkunsidra;
Eccezzjoni Preliminari:
Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal sejjer jindirizza l-eccezzjoni ta' nullita kif imressqa mill-*permit holder* sabiex jiddetermina jekk l-appellant kellux *locus standi* li jintavola appell skont ittermini tal-Artiklu 11(1) tal-Kap. 551 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dikjarazzjoni ta' nteress hija rregolata minn Artikolu 71(6) tal-Kap. 552 hekk kif gej:
*Kull persuna tista' tiddikjara interess f'xi żvilupp u, abbażi ta'raġunijiet li jkunu rilevanti għall-ambjent u l-ippjanar, tagħmel rappreżentazzjonijiet dwar dak l-iżvilupp. Dik iddikjarazzjoni ta'interess flimkien mar-rappreżentazzjonijiet għandha ssir bil-miktub u għandha tasal għand il-Bord tal-Ippjanar fiż-żmien kif stabbilit b'regolamenti preskritti millMinistru. Dikjarazzjoni li ma tiġix ippreżentata f'dan iż-żmien stipulat għandha tiġi kkunsidrata bħala nulla u ma tistax tiġi kkunsidrata mill-Bord tal-Ippjanar.*

Illi b'risposta ghall-eccezzjoni mressqa mill-*permit holder*, l-appellant issottometta zewg affidavits guramentati, tieghu u tal-Perit Paul Spiteri, fejn it-tnejn stqarru li l-Perit Paul Spiteri gie nkarigat mill-istess appellant sabiex jissottometti rapprezentazzjoni f'ismu bhala parti terza nteressata kif sottomess b'mod ufficjali f'dokument 95A fl-inkartament talapplikazzjoni. Illi dan kompla jigi kkonfermat mill-appellant waqt ix-xhieda guramentata tieghu tas-16 ta' Mejju tal-2023.

Illi minn analizi ta' dan id-dokument msemmi, prezentat ukoll mar-rikors promotur tal-appellant, dan it-Tribunal seta' jikkonstata li filwaqt li fir-rapprezentazzjoni tieghu il-Perit Paul Spiteri jesprimi xxewqa tal-klijent tieghu jigi identifikat bhala "*registered interested party*" fil-process talapplikazzjoni, l-istess ittra fl-ebda punt ma taghmel referenza ghall-isem tal-appellant is-Sur Timothy John Howard Kitchner-Smith bhala l-klijent tal-istess perit. B'rabta ma' dan itTribunal josserva li waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju tal-2023, l-appellant xehed taht gurament li hu qatt ma kkomunika mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jizvela ismu fil-process talapplikazzjoni u li kien fil-proceduri ta' dan l-appell l-ewwel darba li qed jizvela ismu.

Illi fil-fatt, permezz tal-eccezzjoni preliminari mressqa minnu, il-*permit holder* m'huwiex jeskludi li l-appellant seta' ntavola rapprezentazzjoni fi zmien stipulat bil-ligi f'isem il-Perit Paul Spiteri, izda l-kontestazzjoni f'dan ir-rigward hija primarjament imsejsa fuq il-fatt li millinkartament tal-applikazzjoni ma johrog minn imkien li l-appellant Timothy John Howard Kirchner-Smith irregistra nteress fl-applikazzjoni odjerna, u jekk xejn id-dokument *a fol* 95A li rrefera ghalih l-appellant juri biss li l-Perit Paul Spiteri ntavola l-oggezzjoni. Illi kif innutat supra, mill-atti tal-appell jirrizulta li lanqas l-appellant m'hu qed jikkontesta dan il-fatt. Ghalhekk huwa car li l-appellant m'huwiex wiehed rikonoxxut bhala *registered objector* taht ismu fil-process tal-applikazzjoni skont Artikolu 71(6) tal-Kap. 552 supra-citat izda taht isem il-Perit Paul Spiteri.

Illi dan l-appell gie ntavolat fit-3 ta' Novembru 2022 taht il-proceduri tal-appell kif regolati bil-Kap. 551 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi wiehed jista' jezercita' d-dritt tal-appell skont dak li jipprovdi Artikolu 11(1) tal-Kap. 551, fejn fir-rigward ta' terzi dan l-Artikolu jipprovdi ssegwenti:
11.(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, it-Tribunal ghandu jkollu gurisdizzjoni li:
(d) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn kull persuna jew istituzzjoni jew kull dipartiment jew agenzija tal-Gvern, li jkollha interess dirett u li tkun aggravata b'xi decizjoni, jew ordni jew direzzjoni fir-rigward ta' Regolamenti tal-Bini u Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bini, ukoll jekk dik id-decizjoni jew ordni jew direzzjoni ma tohrogx minn process ta' applikazzjoni ghal zvilupp;
(e) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn terza persuna interessata li tkun issottomettietrapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp:

Illi kif stabbilit supra, l-appellant seta' jintavola dan l-appell jekk ikun isottometta rapprezentazzjoni bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) talKap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi t-Tribunal jinnota li f'sentenza ricenti tad-19 t'April 2023 fl-ismijiet: **Philip John u Dr Monica Galea John vs L-Awtorita tal-Ippjanar u l-kjamat in kawza Evan Chetcuti** (Appell: 89/22), il-Qorti tal-Appell ipprovdiet insenjament car dwar cirkustanzi fejn appellant, li jkun intavola appell f'ismu, ma jkunx identifikat bl-istess isem fil-process tal-applikazzjoni izda jkun gie rapprezentat f'isem terza persuna ohra. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell provdiet is-segwenti:
*Harsa lejn l-inkartament tal-Bord pero qatt ma jissemmew l-appellanti b'isimhom. L-ittra ta' oggezzjoni tal-perit Attard Montalto saret f'isem 'gierien' bla ebda precizazzjoni ta' xejn u b'mod generiku ghall-ahhar u lanqas fil-mori tal-proceduri l-appellant ma issemmew jew saret referenza ghalihom. Kull referenza fil-fatt hi wahda generika ghall-ahhar b'mod mhux talli ma jissemmewx l-oggezzjonanti izda gew riferiti bhala 'girien' mhux 'gar'.*
*Lanqas hu ta' fejda ghall-appellanti li din il-kwistjoni ma qamitx quddiem il-Kummissjoni. L-applikant ma ghandu ebda relazzjoni diretta mal-appellanti f'dawn il-proceduri quddiem l-Awtorita. Irrelazzjoni diretta hi mal-Awtorita u lilha jrid jikkonvinci fuq il-mertu tal-applikazzjoni tieghu. Anki jekk irrisponda ghal kritika ta' terzi, ghalkemm ignoti, ma jfissirx li ssottometta ghall-eventwalita li terz mhux imsemmi jew mhux dezumibbli mill-istess atti quddiem l-Awtorita, iressaq appell bla ma kien hemm indikazzjoni cara ta' min kien it-terz. Hu f'tali cirkostanza li jista' jinghad li l-applikant irrinunzja li jressaq eccezzjoni ta' nullita f'kaz ta' appell mit-terz identifikat jew identifikabbli bla xkiel jew dubju fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Kummissjoni.*
*Ghalhekk f'dan il-kaz u f'dawn ic-cirkostanzi l-eccezzjoni tan-nullita kienet valida u t-Tribunal mexa sew meta iddikjara l-appel null.*

Illi bl-istess mod, fid-dokument *a fol* 95A, il-perit Paul Spiteri jirreferi ghall-persuna rapprezentata minnu bhala l-klijent tieghu minghajr ebda precizazzjoni ta' isem l-istess klijent. Ghaldaqstant isegwi li l-appell odjern, sottomess minn 'Mr. Timothy John Howard Kitchner-Smith' gie sottomess ghan-nom ta' persuna li ma kinitx registrata f'isimha bhala terza interessata fil-kors tal-applikazzjoni odjerna u ghalhekk l-provvediment tal-Artikolu 11e tal-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta surreferit ma giex osservat.

Ghalhekk, mill-insenjament tal-Qorti tal-Appell surreferit, huwa evidenti li dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda setgha li jisma' appelli ta' terzi li ma jkunux gew identifikati b'isimhom, *ossia* li jkunu baqghu anonimi, fil-process ta' applikazzjoni.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal interpreta hazin l-artkolu 71(6) tal-Kap. 552 billi fl-ebda parti tieghu ma tipprekludi li terz interessat jirregistra b'mod anonimu minghajr ma jindika l-identita tieghu izda tramite l-perit tieghu. Il-ligi tesigi biss li d-dikjarazzjoni ta' interess issir bil-miktub fi zmien stabbilit;
2. Qabel il-proceduri quddiem it-Tribunal, l-Awtorita ma qajmet ebda oggezzjoni anzi fil-minuti quddiem il-Kummissjoni tnizzel li qed jidher il-perit Spiteri f'isem il-klijent tieghu. Kien biss l-applikant li qajjem oggezzjoni dwar l-identita tat-terz izda biss fl-istadju quddiem it-Tribunal. B'hekk hemm rinunzja ghal tali eccezzjoni quddiem it-Tribunal;
3. Il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal li l-perit kellu d-dritt jappella waslitu ghal decizjoni zbaljata ghax prokuratur jagixxi f'isem il-mandant tieghu. B'zieda ma' dan, sentenzi moghtija mill-Qorti bhalma ikkwota t-Tribunal ma humiex ligi ghaliex il-'law of precedent' ma tifformax parti mis-sistema guridika ta' pajjizna. Jekk jigi michud id-dritt li jappella dan ikun qed isir bi ksur tal-artikolu 9 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 10A tad-direttiva 85/337 u l-artikolu 15a tad-direttiva 96/61 li l-objettiv taghhom hu access wiesa ghal gustizzja. Fl-ahhar mill-ahhar ghalkemm l-appellant seta' kien aktar car meta oggezzjona ghall-izvilupp il-gurisprudenza hi fis-sens li l-atti jigu salvati u mhux imwarraba minhabba nuqqas ta' formalita preciza.

**L-ewwel aggravju**

Ma jghidx sew l-appellant li l-artikolu 71(6) jaghti lok ghal oggezzjoni maghmula minn persuna anonima imma fl-istess nifs rapprezentata minn persuna bla indikazzjoni tal-mandant. Apparti li din hi kontradizzjoni fiha infisha l-artikolu 71(6) jghid 'kull persuna tista' tiddikjara interess'. Is-sens logiku u legali wara l-frazi hi li l-persuna hi identifikata jew identifikabbli f'xi stadju quddiem il-Bord li qed jixtarr l-applikazzjoni. Jekk persuna tiddikjara interess, tali persuna trid terfa' r-responsabilta ghall-interess li qed turi. Dan fil-fatt isib konferma fit-test tal-artikolu 11(1)(d) u (e) tal-Kap. 551 meta tghid li t-Tribunal jisma appelli minn terzi li jkunu issottomettew rapprezentazzjonijiet bil-miktub quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar. Irid ikun hemm ness ta' identifikazzjoni tat-terz fil-proceduri quddiem il-Bord biex dak it-terz ikun jista' jressaq appell quddiem it-Tribunal. Persuna anonima mhix persuna identifikabbli u tista' tkun fittizja. Ghalhekk bl-istess argument kull persuna li qatt ma uriet interess quddiem il-Bord tista' tuza l-mant tal-anonimita biex tressaq appell li altrimenti ma kinitx tkun intitolata tezercita.

L-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Kif gia esprimiet ruhha din il-Qorti l-applikant quddiem il-Bord ma ghandux relazzjoni diretta mal-appellant f'dawn il-proceduri. Ir-relazzjoni diretta hi mal-Awtorita biex jikkonvinci fuq il-mertu tal-applikazzjoni. Anki jekk ikun irrisponda ghal oggezzjoni ta' terzi ignoti jew mhux identifikati ma jfissirx li appellant jista' jinheba wara dan il-fatt biex jinheles mill-obbligu li jrid l-artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551 maghdud mal-artikolu 71(6) tal-Kap. 552. Dan hu provvediment ta' procedura ta' interpretazzjoni stretta li ghandu jigi segwit ghat-trasparenza u tmexxija gusta tal-proceduri. Ir-regoli wara kollox qeghdin hemm ghall-uniformita tal-process u biex jigu evitati abbuzi mis-sistema li jistghu jwasslu ghal ingustizzji kontra min qed isir l-abbuz. Din mhix xi kwistjoni ta' rinunzja ta' dritt da parti ta' xi hadd izda nuqqas ta' adezjoni mal-process gudizjarju.

L-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju ma fih ebda mertu. Fl-ewwel lok it-Tribunal addotta taghlim tal-Qorti tal-Appell. Ghalkemm ma jezistix il-kuncett ta' *judicial precedent* f'pajjizna pero jezisti il-principju tac-certezza tad-dritt. F'dan il-kaz it-Tribunal strah fuq insenjament f'cirkostanzi simili u din il-Qorti ma sabet ebda fatt jew cirkostanza li ghandha tqis mill-gdid il-pozizzjoni taghha. Wara kollox l-istess appellant jikkoncedi li seta' ghamel l-affarijiet ahjar. Li messu qal hu li fl-ebda stadju qabel l-appellipprezentat minnu ghazel li jikxef l-identita tieghu. L-affidavit tieghu u tal-perit f'dan l-istadju ma huma ta' ebda fejda ghal dak li jrid l-artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551 maghdud mal-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 billi tali dikjarazzjonijiet ghalkemm guramentati messhom saru quddiem il-Bord mhux issa meta dak li jrid l-artikolu 11(1)(e) ma giex segwit. Il-ligijiet huma l-istess ghal kulhadd. Ghalkemm hu minnu li fejn possibbli l-atti jigu salvati pero dan ma jistax isehh bi vjolazzjoni diretta ta' dak li timponi l-ligi. Hawn mhux kaz ta' lezjoni ta' dritt izda nuqqas ta' tharis tal-ligi li ghaliha ma ghandu jbati hadd hlief min naqas minn tali harsien.

L-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-12 ta’ Settembru 2023, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur